

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000037/2012

Illi-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Renate Weber, Sonia Alfano, Alexander Alvaro, Baroness Sarah Ludford, Sir Graham Watson, Nathalie Griesbeck, Jens Rohde, Louis Michel, Ramon Tremosa i Balcells, Marielle de Sarnez, Charles Goerens, Andrew Duff, Anneli Jäätteenmäki, Kristiina Ojuland
f'isem il-Grupp ALDE

Suġġett: L-adeżjoni tal-UE għar-riforma tal-KEDB u tal-QEDB

Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) inħolqot mill-irmied tat-Tieni Gwerra Dinija sabiex tissalvagwardja d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fl-Ewropa. Hija tippermetti li individwi jtellgħu għall-ġudizzju quddiem qorti Ewropea lill-gvernijiet li jkunu responsabbi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

L-UE minn dejjem tat-l-akbar importanza lill-KEDB, kif juru l-fatt li, bħala prekundizzjoni għall-adeżjoni mal-UE, stat irid l-ewwel isir membru tal-Kunsill tal-Ewropa u jiffirma l-KEDB. Barra minn hekk, l-UE ilha minn żmien bix-xewqa li taderixxi għall-KEDB, li issa hija obbligata li tagħmel skont l-Artikolu 6 TUE (li jgħid li "L-Unjoni għandha taderixxi għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali"). L-UE stabiliet ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li hija applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-UE u għall-Istati Membri fl-implementazzjoni tal-liġi tal-UE.

Il-Kummissjoni Ewropea nnegożjat mal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-adeżjoni tal-UE mal-KEDB, u fil-fatt intlaħaq abbozz ta' ftehim. Madankollu dan issa qed jiġi kkuntestat minn xi gvernijiet Ewropej, bir-riżultat li l-proċess kollu tal-adeżjoni qiegħed fil-periklu.

Fl-istess waqt, il-Gvern tar-Renju Unit, li bħalissa għandu l-Presidenta tal-Kunsill tal-Ewropa, ħabbar li kien se jiffoka fuq riformi ulterjuri tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem¹. Il-President tal-QEDB enfasizza r-responsabilità tal-istati kontraenti li jiżguraw li d-deċiżjonijiet ikunu infurzati², filwaqt li l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa żiedet li l-istati għandhom jindirizzaw il-problemi strutturali/sistemiċi u jsaħħu l-QEDB biex tingħata garanzija tal-effettività tagħha³.

- Tista' l-Kummissjoni tagħti informazzjoni dwar il-qagħda tan-negożjati dwar l-adeżjoni tal-UE għall-KEDB u dwar il-kontenut tal-abbozz ta' ftehim, kif ukoll informazzjoni dwar il-proposti mressqa, diskussjonijiet li qed isiru u l-pożizzjoni adottata mill-Kunsill?
- X'inhu l-kalendaru ppjanat għall-adeżjoni tal-UE għall-KEDB?
- X'inhuma l-proposti u l-pożizzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fi ħdan l-entitajiet tal-Kunsill Ewropew, u fir-rigward tagħhom, dwar l-adeżjoni għall-QEDB u r-riforma tagħha? L-Istati Membri qeqħdin jadottaw linja komuni abbażi tal-Artikoli 2 u 6 tat-TFUE?
- X'azzjonijiet se tieħu biex issaħħaħ is-sistema tal-KEDB u biex tinkura ġgħixxi lill-Istati Membri jimplimentaw id-deċiżjonijiet tal-QEDB, inkluż billi jirrevedu l-problemi strutturali/sistemiċi?

¹ Il-proċess ta' riforma, imniedi snin ilu, wassal għall-adozzjoni tal-Protokoll 14 u tad-dikjarazzjonijiet ta' Interlaken u ta' Iż-żmir; huwa wassal għal riformi konkreti tal-QEDB, bħall-għoti ta' prioritā lil każijiet fundamentali u t-tiċċiħ tal-proċeduri biex jiġu identifikati applikazzjonijiet bla bażi. Id-dikjarazzjoni tinsab fil-link: <http://www.number10.gov.uk/news/european-court-of-human-rights/>.

² <http://www.independent.co.uk/opinion/commentators/nicolas-bratza-britain-should-be-defending-european-justice-not-attacking-it-6293689.html>.

³ <http://assembly.coe.int/Main.asp?link=/Documents/WorkingDocs/Doc12/EDOC12811.htm>,
<http://assembly.coe.int/Mainf.asp?link=/Documents/AdoptedText/ta12/ERES1856.htm>,
<http://assembly.coe.int/Mainf.asp?link=/Documents/AdoptedText/ta12/EREC1991.htm>.

Imressqa: 15.2.2012

Mgħoddija: 17.2.2012

L-iskadenza għat-tweġiba: 24.2.2012